**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Rikors Numru: 6/2021 RM**

**Perit Robert C. Vella**

**-Vs-**

**Marisa Camilleri**
[K.I. Numru 270644M]

**Illum, 14 ta' Ottubru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attur Perit Robert C. Vella fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Jannar 2021, fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta prveja kull dikjarazzjoni jew ordni necessarja jew opportuna, thallsu s-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) eskluz it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) liema somma hija, kemm għas-segwenti raġunijiet u kif ukoll dawk magħrufa fil-Liġi, dovuta minnu – dan wara illi l-esponenti fix-xhur ta' Settembru u Ottubru tas-sena 2019, provda lilu b'*Technical Consultancy Services* illi *inter alia* jinkludu konsulenzi mal-Awtorita' ta-Turiżmu, *site visits* kif ukoll konsulti estensivi ma diversi inġiniera fir-rigward tal-lukanda Park Hotel, Graham Street, Sliema. Nonostante diversi interpellazjonijiet sabiex tgħaddi u taddivjeni għall-ħlasijiet dovut lill-esponenti tax-xogħol illi huwa għamel b'reqa u diligenza għal

benessere tiegħu u tan-negozju tiegħu, dawn sal-lum baqgħu mhux imħallsa. Inoltre' l-esponenti servih b'ittra ġudizzjarja naxxenti mill-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba l-fatt illi d-dejn minnu dovut huwa wieħed, ċert, linkwidu u dovut. Tali ittra ġudizzjarja ġiet respinta permezz ta' nota fl-atti tal-istess u kien għalhekk illi l-esponenti ma kellu l-ebda għażla għajr illi jistitwixxi dawn il-proċeduri. Qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok 'A' u 'B' rispettivament, għall-finijiet ta' kjarezza, ir-requests for payment hekk kif maħruġin mill-uffiċju tal-esponenti.

Illi t-talba odjerna qiegħda titressaq abbażi tal-premessi u l-fatti sopraċitati.

Bl-imgħax fuq l-ammont indikat sal-ġurnata tal-ħlas effettiv kif ukoll bl-ispejjeż kollha kontrih, li minn issa tinsab inġunta in subizzjoni.

Bl-imghax fuq l-ammont indikat sal-gurnata tal-hlas effettiv kif ukoll bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.
Rat illi l-konvenuta giet notifikata personalment bl-atti tal-kawza fil-5 ta' Frar 2021[1];

Rat illi madanakollu, minkejja li giet debitament notifikata, il-konvenuta baqghet ma deheritx quddiem il-Qorti la personalment u lanqas permezz ta' rapprezentant legali biex tikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezentat ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attrici;

Rat ukoll illi l-konvenuta minkejja li nghatat l-opportunita` li tressaq il-provi taghha fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2021, naqset milli taghmel dan;

Semghet ix-xhieda tal-attur fis-seduta tal-15 ta' Frar 2021;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

---

[1] Ara referta a fol. 7 *tergo*.

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu;

Rat illi ma hemm ebda impediment sabiex is-sentenza tinghata proprju llum;

Ikkunsidrat;

Illi ghalkemm il-konvenuta, debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviz tas-smigh tal-kawza, baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem il-Qorti biex tikkontesta t-talba tal-attur kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba tal-attur giet ippruvata jew li ghandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attrici ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba izda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentment, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-ligi fil-kamp civili, cioe` li jikkonvinci lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet.

L-attur xehed quddiem il-Qorti[2] u spjega illi fl-2019 il-konvenuta, li hija wahda mis-sidien tal-lukanda bl-istem Park Hotel, inkarigatu biex bhala perit huwa jghinha ssolvi l-problemi li gew riskontrati fil-licenzja tal-lukanda, liema licenzja kienet giet revokata mill-Awtorita` ghat-Turizmu f'Malta (MTA). Fl-24 ta' Awwissu 2019 il-konvenuta talbitu jitlaqa' maghha biex jezamina r-rekwiziti li gew imposti mill-MTA biex il-lukanda tkun konformi mal-ligijiet u b'hekk tista' terga' tibda topera. Huwa zamm diversi laqghat ma' rapprezentanti tal-MTA u hadem kontinwament mal-istess Awtorita` ghan-nom tal-konvenuta. Xehed ukoll illi peress illi l-problemi riskontrati fil-lukanda ma kienux limitati ghal kwistjonijiet ta' sanita' izda kien hemm ukoll problemi

[2] Xhieda tal-15 ta' Frar 2021.

teknici u bl-accettazzjoni tal-konvenuta, huwa talab l-assistenza ta' inginier biex jghinu fir-rizoluzzjoni tal-problemi mekkanici u elettrici tal-lukanda.

L-attur ikkonferma li ghas-servizzi minnu rezi lill-konvenuta huwa hareg zewg *requests for payment*, wahda fis-6 ta' Ottubru 2019[3] u ohra fit-13 ta' Novembru 2019[4], fis-somma komplessiva ta' hamest elef Euro (€5,000) pju` taxxa fuq il-valur mizjud. Fisser ulterjorment illi filwaqt li ghax-xahar ta' Settembru 2019 huwa talab il-hlas tas-somma li giet miftiehma mal-konvenuta bhala hlas fix-xahar, sussegwentement huwa talab il-hlas ghas-servizzi individwali minnu prestati skont kif jirrizulta mill-fattura Dok. A[5], u dan peress li l-konvenuta baqghet ma ffirmatx l-abbozz tal-ftehim li huwa kien talab li jigi ffirmat minnha biex jesigi l-hlas ta' ammont mensili fiss. Ikkonferma li l-konvenuta baqghet ma hallset xejn mill-ammonti dovuti skont dawn il-fatturi u l-ammont totali dovut lilu u li qed jintalab il-hlas tieghu f'din il-kawza, huwa fis-somma ta' hamset elef Euro pju` t-taxxa fuq il-valur mizjud fuq dak l-ammont, cioe` s-somma totali ta' hamest elef u disa' mitt Euro (€5,900).

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mill-konvenuta u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur ressaq provi sodisfacjenti u sufficjenti li jikkonvincu lill-Qorti fil-grad mehtieg fil-kamp civili, illi l-ammont reklamat minnu ta' €5,000 pju` taxxa fuq il-valur mizjud, huwa dovut mill-konvenuta.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta MARISA CAMILLERI thallas lill-istess attur is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) pju` s-somma ta' disa' mitt Euro (€900) f'taxxa fuq il-valur mizjud, cioe` total ta' hamest elef u disa' mitt Euro (€5,900) ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax**

[3] Dok. B, fol. 3.
[4] Dok. A, fol. 2.
[5] Datata 13 ta' Novembru 2019, fol. 2.

**mid-data tal-ewwel sejha ghall-hlas li mill-atti jirrizulta li hija d-data tal-prezentata tar-Rikors promotur fis-7 ta' Jannar 2021.**

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**